**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 18 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Ronnie Mackay, detentur tal-karta tal-identità numru 228781M; u**

**Chris Brincat, detentur tal- karta tal-identità numru 26785M**

Kumpilazzjoni Nru. 1218/2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputati Ronnie Mackay u Chris Brincat talli: -

1. Nhar is-27 ta' Settembru 2012 u/jew fil-ġranet ta' qabel, fi Gwardamanga u/jew fi bnadi oħra f'Malta, taw, jew ftehmu li jagħtu jew offrew jew ipproponew lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li għandha tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil xi player, biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players, ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew jonqos milli jsir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) tal-istess Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players; u

2. Ukoll assoċjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Rat l-akkuza kontra Ronnie Mackay waħdu u ċioè talli:

1. Bħala uffiċjal pubbliku wettaq reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

2. Wettaq reat punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kkundizzjonata li ngħatat lilu permezz ta' sentenza datata 10 ta' Novembru, 2010, mill-Maġistrat Jacqueline Padovani; u

3. Wettaq reat punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu permezz ta' sentenza datata 11 ta' April, 2010, mill-Maġistrat Doreen Clarke.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Settembru, 2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-14 ta' Dicembru, 2015.

Illi l-akkuzi primarji huma dak ta' vjolazzjoni tal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players.

Illi Frans Tabone, *Integrity Officer* mal-Malta Football Association xehed kif nhar is-27 ta' Settembru, 2012, kien cempillu l-President tan-*Naxxar Lions Football Club* u nfurmah li player tal-club, certu Sunday Eboh, kien sarlu tentattiv sabiex jigi korrott. Kien deciz li jmorru ghand il-Pulizija u dan wara li Eboh gie mwissi dwar il-process li kien mistenni jghaddi in vista tal-allegazzjonijiet tieghu. Eboh kien determinat li jikxef dan l-agir minn certu Chris Brincat u Ronnie Mackay.[1] L-kaz gie mghoddi lil Pulizija. Ghalkemm MacKay ma kienx ghadu attiv dan kien baqa' jidher fuq il-lista mal-MFA.[2]

Illi l-Ispettur Melvyn Camilleri xehed li kien gie nfurmat minn Frans Tabone li player tan-*Naxxar Lions* kien gie avvicinat u offrut flus biex jilghab hazin fil-loghba li n-Naxxar kien ser ikollhom mal-Gzira. Tabone kien mar ghand il-Pulizija flimkien ma Sunday Eboh il-player Nigerian tan-Naxxar. Eboh spjega li kien cempillu certu Jermain Brincat, li kien jilghab mieghu, u ftehmu li jiltaqaw Gwardamangia izda meta mar fuq il-post ma sabx lil Jermain izda persuna li qaltlu li kien hu Jermain, l-imputat Chris Brincat, liema persuna Eboh ma kienx jafha. Eboh spjega li hu kien saqsa lill-imputat Brincat jekk kienx intbaghat minn persuna ohra[3] u **Brincat wiegbu billi qallu *"li kien gej persuna ohra dak il-hin biex jispjegalu l-affarijiet fid-dettall."*[4]** Meta wasslet din il-persuna Eboh staqsieh x'kienet ir-raguni tal-laqgha u jekk kellhomx x'jaqsmu mal-President tal-Gzira. *"Dan il-persuna qallu li l-President tal-Gzira ried b'xi mod, kellhom jirbhu l-punti f'dik il-loghba pero` li ma kellux x'jaqsam. Qallu li kien qed joffrielu l-flus ghax hu kien jilghab bhala difensur.....f'dik il-loghba. Sunday Eboh kien staqsieh kienx hemm players ohra involuti, pero` l-persuna l-ohra [Mackay] qallu li sa dak il-hin ghad m'hemm hadd pero` talbu li jekk jaf lil xi hadd li jistghu ituh il-flus biex jilghab ghan-nom taghhom, dan kellu jghidlu biex umbaghad jikkuntatjawh huma."*[5]

Illi dan ukoll jfakkar lil-Qorti f'dak li qal MacKay lil Pulizija fl-istqarrija tieghu:
*"**M.** Nghid sewwa li Eboh staqsa jekk kienx hemm aktar players involuti?*

---

[1] Fol.60
[2] Fol.61
[3] Dan jaqbel ma dak li qali MacKay fl-interrogazzjoni tieghu meta semma li Eboh *"Jiena qabad jghidli u jistaqsini jekk hux Charlot kien baghtni u qalli li Charlot seta' cempillu hu ghax kellu numru tieghu."*-fol.21
[4] Fol.63
[5] Ibid

***T.*** *Jista jkun.”*[6]
**Jekk Mackay jghid li ma kienx involut fid-diskursata dwar il-futsal, ghaliex kellu jigi mistoqsi min Eboh dwar in-numru ta' players involuti??** Kontradizzjoni ohra tohrog mil-fatt li filwaqt li Mackay jghid *"Jiena qabad jghidli u jistaqsini jekk hux Charlot kien baghtni u qalli li Charlot seta' cempillu hu ghax kellu numru tieghu."(*fol.21) Brincat jichad li sar xi diskors dwar l-President tal-Gzira:
*"****M.*** *Nghid sewwa li ssemma il-President tal-Gzira u li wrejtu lil Sunday li l-President jixtieq li jakkwista il-punti minn fuq il-konfront kontra Naxxar u li ghalhekk kontu qed tkellmuh?*
***T.*** *Zgur li ma kienx hemm din it-tip ta' konverzazzjoni.*
***M.*** *Taf min hu l-President ta' Gzira United?*
***T.*** *Le ma nafx."*[7]

L-Ispettur Camilleri kompla jixhed li Eboh kien qallu li wara l-laqgha hu kien informa lil *coach* tieghu. Il-persuna li ltaqa maghha kienet regghet cemplitlu fuq il-mobile tieghu u talbuh ghan-numru ta' certu 'Toni' li ukoll kien jilghab man-Naxxar. Ghalkemm kellu in-numru rikjest kien qallu li ma kellhux in-numru tieghu. Minn investigazzjnijiet rrizulta li kien Ronnie Mackay li cempillu ghan-numru ta' 'Toni'.[8] Fil-fatt Brincat jghid:
*"****T.*** *Ftit wara xi kwarta li konna ltqajna, Mackay talabni in-numru ta' Sunday u taghjtulu jew baghtulu sms imma ghal xhiex riedu ma nafx.*
***M.*** *Mackay qallek ghal xhiex riedu in-numru ta' Eboh?*
***T.*** *Le u jien ma staqsejtux."*[9]

Illi l-imputati rrilaxxaw stqarrijiet. Hemm diversi kontradizzjonijiet u tenut kont li hawnhekk qed jitkellmu fuq l-istess fatti li allegatament graw, il-Qorti ma tistax ma tislietx il-konkluzzjonijiet taghha dwar dan. Dwar kif kien gie deciz li jiltaqaw ma Eboh, Brincat jghid li hu kien qed jitkellem mieghu u il-Mackay, *"li ilna nafu xi tlett snin ghax gieli jigi [jiehu] toast in-nursery. Mhux xi habib kbir tieghi imma fejn niltaqaw nsellmu lil xulxin u nitkellmu ftit. Mackay gie jiltaqa maghna fejn konna fi Gwardamangia."*[10] Brincat jghid li *"Mackay semani nitkellem ma Sunday u qalli li kien jafu sewwa…Qalli li xtaq jiltaqa' mieghu u jien ghidtlu li kont sejjer niltaqa mieghu u stajt incempillu meta kont inkun hdejn Eboh…..*

[6] Fol.22
[7] Fol.17
[8] Fol.64
[9] Fol.17
[10] Fol.16

*Mackay semmani nikellem u xtaq jiltaqa mieghu personali ghax kien ilu ma jarrah."*

Bid-dovutt rispett dan ma jaghmel l-ebda sens. Brincat seta' ghadda in-numru ta' Eboh lil Mackay u jhalli lilu jirranga biex jiltaqa mieghu la kien daqshekk anzjuz li jerga jaghmel kuntatt mieghu! B' liema raggunament persuna f'konversazzjoni privata, fejn qed tippjana laqgha ma persuna ohra, tigi mitluba sabiex thalli persuna, li kif jghid hu ma kienux hbieb kbar, tmur ukoll tiltaqa maghhom f'laqgha li originarjament kellha tkun biss bejn Brincat u Eboh? Dan assolutament ma jaghmilx sens u ma ghandux mis-sewwa. **Altru li kemm Brincat kif ukoll Mackay kienu jafu ghaliex sejrin jiltaqaw ma Eboh! Biex isaqsieh dwar xi haga legittima bhal ma hi jekk kienx jaf players ghal *futsal*, kien hemm bzonn ta' inkontru wicc imb'wicc**? **Ghaliex ma staqsiehx minn fuq it-telefon dak li ried jistaqsieh?** Jinghad ukoll li Chris ma kellhux in-numru ta' Eboh *"In-numru ta' Sunday gibtu minghand Jermain ghax ma kellix"*[11]. Ghalhekk ma kienx aktar facli ghal Brincat li mhux biss jistaqsi lil Eboh dwar jekk jafx players interessati fil-*futsal* personalment, izda kien jghid lil huh issaqsi lil Eboh. Kemm kienet urgenti li jsib players ghal *futsal* tant li dakinhar stess, u wara li spicca minn xoghol urgenti li kellu, mar dlonk jiltaqa mieghu fi Gwardamangia?

Kontradizzjonijiet ukoll johorgu dwar dak li inghad fil-laqgha ma' Eboh. Brincat jghid li *"Mackay just greetings ghamel, just fuq xi ghaxar snin meta Eboh kien jilghab mal-Marsa. Ghall-ewwel Sunday lanqas gharfu lil Mackay."* <u>Ahseb u ara kemm kien habib kbir tieghu!!</u> Ikompli <u>*"Ma Sunday bqajt li kelli nerga nkellmu ghax meta gie Mackay qisu dahhalli fin-nofs u ma komplejniex nitkellmu."*</u> Dwar il-*futsal* jghid li meta staqsa lil Eboh dan qallu li kien inqata' minn mal-players tal-*futsal.* Galadarba kien ha din ir-risposta ghaliex baqa fuq il-post?

Mackay fl-istqarrija tieghu jghid li mar Gwardamangia *"biex inkellem lil Chris u kont naf li hemm Eboh mieghu.".* Jekk kien ltaqa ma Chris ftit qabel, ghaliex rega ried imur Gwardamangia biex ikellmu? Jghid li kien qed jiehu drink go bar il-Furjana meta sema *"lil xi hadd li ma nafux jitkellem fuq il-mobile u semmew lil Sunday Eboh. Jien qbizt u ghidtlu li dak kien habib tieghi hafna u <u>dan il-persuna ghaddieli il-mobile</u> u kellimt <u>lil Chris li naf biss minn wiccu</u>. <u>Jiena lil Chris qatt ma kellimtu</u>. Chris staqsini jekk kontx naf lil Sunday <u>u talabni biex immur hdejh Gwardamangia</u> **biex inkellem lil Sunday hemmhekk**."*

---

[11] Ibid.

Mill-istqarrija ta' Mackay jirrizulta li ma sema ebda diskors dwar il-*futsal:*
*"**M.** Allura kif qatt ma ssemma it-Todos fil-konversazzjoni?*
***T.** Ma nafx. Jiena hsibt li kienu diga tkellmu fuq it-Todos.*
***M.** Jekk kienu diga tkellmu fuq li kellhom jitkellmu, x'kellek ghalfejn tnur hdejhom inti?*
***T.** Ghax qalli Chris biex immur hdejhom.....Jiena mort niltaqa ma Chris semplicement hekk biex mort fejnu u mhux biex niltaqa ma Eboh."*

Hawn tohrog l-ikbar inkonsistenza da parti tal-imputati. Mackay kien qal li kien jaf lil Brincat minn wiccu biss izda, minkejja dan, galadarba Brincat talbu jmur ikellem lil Eboh Gwardamangia, hu mar. Minn-naha tieghu Brincat jghid li kien Mackay li **talab** imur jiltaqa ma Eboh**.** Filwaqt li Brincat jghid li qatt ma ssemma il-President tal-Gzira Football Club, Mackay jghid mod iehor. Jekk Brincat ried ikellem lil Eboh dwar il-*futsal* ghaliex Mackay, li kien mitlub imur minn Brincat ikellem lil Eboh, ma sema xejn dwar il-*futsal***?** Ghaliex ma hemmx qbil dwar min talab lil min jakkumpanjah ghal laqgha ma Eboh jekk kienet semplicement sabiex jaraw jekk kienx hemm interess ta' players ghal *futsal*. Possibli li sabiex issaqsieh dwar jekk jafx players ghal *futsal* Brincat kellhu bzonn jiehu ir-rinforz mieghu fil-persuna ta' Mackay? Ghaliex tali domanda kellha ssir wick imb'wicc u sahansitra ma kienitx wahda li setghet saret minn Brincat wahdu jew tramite huh li kien jaf lil Sunday Eboh?

Illi fl-istqarrija minn tieghu Mackay jaghzel li ma jirrispondi ghal ebda domanda dwar certu 'Toni' li ukoll kien jilghab ma Naxxar u li allegatament Mackay kien cempel lil Eboh ghan-numru tieghu. Brincat jikkonferma li wara l-laqgha kien rega cempillu Mackay ghan-numru ta' Eboh izda Brincat jghid li ma kienx jaf ghalfejn talab in-numru tieghu. Jekk l-iskop kien jaraw l-interess ghal *futsal*, u jekk ghandu jigi emnut Mackay li dan mar ma Brincat jiltaqa' ma Eboh fuq talba tieghu, possibli Brincat ma saqsiehx, dan li ma tantx kien jafu sew, ghal xhiex ried in numru ta' Eboh?

Illi sfortunatament l-ewwel deposizzjoni ta' Sunday Eboh ittiehdet nhar il-21 ta' Marzu, 2013, izda minhabba fi zball tekniku ix-xhieda jidher li ma kienitx giet traskritta. Kien hemm anke talba mill-prosekuzzjoni sabiex *recording* mehud fuq il-mobile minn Eboh tal-laqgha li kienet saret tkun analizata bl-iskop li l-vucijiet hemmhekk mismugha isir *voice analysis* ma dak tal-imputati. Din it-talba ma gietx milqugha minn din il-Qorti kif diversament preseduta u ghalhekk il-Qorti, li

kellha aktar minn okkazzjoni wahda tisma l-ilhna tal-imputati, semghet *ir-recording* esebit a fol.107.

Illi Eboh kien riprodott nhar it-13 ta' Novembru, 2014, fejn irrikonoxxa lehnu kif ukoll dawk tal-imputati. Jghid li Mackay kien gie msejjah biex jiltaqa mieghu *"…they called him to come."*[12] Jispecifika li kien hu Jermain [l-imputat Chris Brincat] li qallu biex imur jiltaqa mieghu *"The brother of Jermaine.* ***They asked me what did I want."*** Mistqosi jekk giex offrut flus minn Mackay jghid *"He didn't offer me any money. Yes".*[13] Dan izda jigi kontradett meta wiehed jaqra it-traskrizzjoni tar-*recording* f'Dok. KM a fol.88 *et seq* u senjatament a fol. 99 u 101.[14] Jghid li Mackay kien qallu li kien hemm aktar nies involuti. Skond ix-xhud kien qed isir kliem bil-Malti izda Mackay kien qed ifehmu u saqsieh jekk kienx interessat. Ix-xhud Eboh jghid li l-imputati li gharaf fl-awla *"On that day, I was called about a game by which that day* ***they asked me they are going to pay me or not****."*[15] *"They just called me for a game…and they said they need to speak to me about the game. That's why they call me and I said to them to come around to speak to me… .football game….Naxxar agaianst Gzira."*[16] <u>Mela ma sar ebda kliem dwar xi *futsal* kif jipprova jaghti l-impressjoni Brincat fl-istqarrija tieghu!</u>

Jispjega li kien ircieva telefonata minghand Jermain u hu accetta li jiltaqa mieghu izda Jermaine ma giex u gie huh, Chris Brincat, minflok. *"They call for the football game…First he [Brincat] come alone, but maybe five, ten, fifteen minutes Ronnie come…..I know Ronnie when I was …..in Marsa….<u>The meeting is to just we talk about the game. They didn't tell me anything about money but they just called me. They want to talk about the game……They just tell me to maybe take it easy for the game</u>… they speak in English to me."*[17] **Mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputati qalulux sabiex dakinhar tal-loghba hu kellhu johodha easy u cioe'** ***"[to] take it easy"*** **jirrispondi fl-affermattiv u jghid** ***"Not to play normally. Take it easy with them."*** Jghid li hu saqsihom dwar *players* ohra izda qalulu *"They tell me its not my own business. That it's not my business."*[18] Peress li kien ser jilghab l-ghada qalulu li kienu ser ikellmuh l-ghada *"No I think they will call me the next day. Because it's not the day we are playing. I think we are playing like tomorrow, and*

---

[12] Fol.49
[13] Fol.50
[14] Fol.99 *"Tell me how much you want"* u fol.101- *You know your work, you know your, you make your work, I pay you, like that, I pay you the money. That's all."*
[15] Fol.72
[16] Fol.73
[17] Fol.75
[18] Fol.76

*they approach me today, and they said they will call me the enxt morning..... I left it open."* Jikkonferma li kien jaf li kellhom jergghu jaghmlu kuntatt mieghu *"They will contact me the next morning....but I talk to my President. And the coach."*[19] Jghid li saqsweh ghal numru ta player li jismu "Anthony" li hu barrani mizzewweg Maltija u jilghab fuq l-attakk man-Naxxar. Wiehed jiftakar li meta l-ispettur investigattiv saqsa lil Mackay dwar certu "Toni" dan ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija.[20]

Illi Eboh jerga jikkonferma dak li qalulu l-imputati *"And they told me they are trying to talk to me to take it easy in the game".* Jikkonferma ukoll *"No they don't offer me any money, asked them....Why you calling me for the meeting? ....They didn't promise me any money."*[21] Kif intqal **mit-traksrizzjoni izda jirrizulta ampjament il-hlas li kellu jsir**.[22] Eboh jippreciza li l-ewwel telefonata giet minghand Jermaine *"The first call. I was in the bank that day and the brother called me. The first calling. Tell me I should,* ***he will send somebody to talk to me to arrange the game****.....They said I should take it easy...They just tell me....I didn't simply understand it.* ***They talked to me, they approached me...To arrange the game....<u>Two of them said it</u>.....That Gzira must win the game."***[23]

Illi l-Qorti analizzat it-traskrizzjoni tal-konversazzjoni li kienet giet *recorded* minn Eboh, liema traskrizzjoni saret mill-espert tekniku Kurt Mahoney li analizza *l-audio files* u tramite software *Adobe Audition CC* irnexxielu inaqqas mill-*background noise* bl-uzu ta' *"adaptive noise reduction filter".* F'din il-konversazzjoni kjarament ma tissemma ebda Floriana jew futsal jew Todos kif allega Brincat anzi jinstemghu kliem li jikkoroborraw ix-xhieda ta Eboh li fil-konversazzjoni jidher bhala Ragel 2. Jissemmew *"Naxxar players. I spoke with Jermain u. Told him, if you want, if you want another, if you want another player, you can just tell him as well."* Eboh isaqsi *"The person that send you. Why didn't he come with you?".* Jidher li kien pjanat meeting iehor l-ghada filghodu fejn Eboh kellhu jiltaqa ma persuna ohra. Jirrizulta izda li din il-persuna wara ghazlet li tiltaqa maghhom precizament hdejn il-Cathedral Optical Gwardamangia dakinhar stess. <u>Mackay innifsu jghid li kien ltaqa ma' Brincat hdejn il-Cathedral</u>

---

[19] Fol.77
[20] Fol.22
[21] Fol.80
[22] Fol.99 *"Tell me how much you want"* u fol.101- *You know your work, you know your, you make your work, I pay you, like that, I pay you the money. That's all."*

[23] Fol.82

Optical u li l-ahhar li kien ra lil Eboh kien xi xahrejn qabel f'Bugibba. Dan ifisser li kien MacKay li ltaqa ma Sunday Eboh u Chris Brincat.

Tali konversazzjoni ma thalli ebda dubbju li Eboh kien qed jitkellem ma Brincat li wara cempel lil Mackay u qallu fejn kienu sabiex sussegwentement dan iltaqa maghhom. Meta jiltaqaw mat-tielet persuna (deskritta mill-espert Mahoney bhala Ragel 3) dan jikkonferma li kien rah lil Eboh (Ragel 2) f'Bugibba meta mar jiekol ikel Tork. Ma jifdalx dubbju li Mackay hu dak deskrit bhala Ragel 3. Fil-fatt jghid lil Eboh ***"Tell me how much you want"*** Eboh iwiegeb *"Who send you to come and meet me?"* Mackay jghid *"Shaun, it's the President."* Eboh ikompli jistaqsi jekk kienx l-uniku player li gie avvicinat u xi lehen deskritt bhala Ragel 4 jittraduci ghal-Malti *"Hu jrid jghid, qallek imma hu biss ha jkun?."* Hawnhekk Mackay isemmi lil certu Tony *"I know Tony. He's my friend. I can speak with him as well or if you want to speak with him no problem."*[24] Eboh jinsisti *"No, no speak. I want to know who is eh, involved with me you know. Then I will."* Ghal dan id-diskors Mackay jghid *"No problem. I arrange with you, you make your job. I speak with other players. Its not important because if I can get other players, and you are with me****, I don't tell you this and this and this, because nobody wants to, you know how-…You know your work, you know your, you make your work, I pay you, like that, I pay you the money. That's all."*** Eboh jirrispondi *"****No, I will not tell you, that this is amount I want or not want.*** *Tomorrow- You call me….."*[25]

Mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew soddisfacentement ippruvati mill-prosekuzzjoni. Ghal kull buon fini ghandu jinghad, peress li saret sottomissjoni dwar dan mill-abbli difiza fit-trattazzjoni taghha, li l-prosekuzzjoni kienet korretta dwar kif artikolat l-ewwel imputazzjoni u dan billi rriproduciet kwazi kelma b'kelma d-dettami tad-disposizzjoni tal-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rigward l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Ronnie Mackay wahdu, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat wettaq reati fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' sentenza sospiza kif ukoll fil-perjodu operattiv ta' *conditional discharge* u ghalhekk MacLKay qed jigi liberat minn dawn l-akkuzi. Dwar l-aggravju previst bl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' li l-imputat Mackay kien suldat mal-Forzi Armati ta' Malta, hemm id-dokumentazzjoni esebita minn Joseph Saliba, MC5, izda fuq kollox id-

[24] Fol.100
[25] Fol. 101

dikjarazzjoni tal-imputat innifsu fl-ezami tieghu u fl-istqarrija li huwa rrilaxxa. L-artiklu 92 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Ma hemmx dubbju li suldat, jinkwadra fit-termini tad-definizzjoni ta' 'ufficjal pubbliku' u ghalhekk tapplika id-disposizzjoni tal-artikolu 141 tal-istess Kodici kif prospettata mill-prosekuzzjoni fl-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Ronnie Mackay.

Illi in kwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghdin jinstabu hatja l-imputati, il-fedina penali taghhom minn fejn jirrizulta li Mackay kien diga instab hati ta' reati serjissimi kontra l-persuna kif ukoll fuq ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici. Ghalhekk il-Qorti ma tistax titratta mieghu bhala *first-time offender*. Illi dwar il-fedina penali ta' Brincat din ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti. Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alex Azzopardi** meta dwar il-piena ghal reat bhal dak li gew akkuzati bihom l-imputati il-Qorti tenniet:

> "Din il-Qorti tikkondividi dak li korrettement qalet l-ewwel Qorti dwar il-hsara li reati bhal dak ta' l-appellant jikkagunaw lill-isport. Din il-Qorti zzid tghid li apparti d-disonesta' u l-islealta' ta' l-awturi ta' reati simili ghall-club u ghas-supporters tieghu, tali reati facilment jistghu jkollhom konsegwenzi serji hafna anki tenut kont ta' l-eccitabilita' u impetwozita' ta' hafna mis-supporters."[26]

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 48A, 92, 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3(3) u 9(1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Ronnie Mackay hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tilliberah mir-raba u l-hames imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi, u tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija kif ukoll ghal multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Il-multa ghandha tithallas fi zmien sena millum ratealment bl-ewwel pagament issir dovut fit-30 ta' Novembru, 2016.

Wara li rat l-artikoli 17, 31, 48A, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3(3) u 9(1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Chris Brincat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum kif ukoll ghal multa ta' elf u

---

[26] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Mhallef Dr. Victor Caruana Colombo LL.D., Appell Nru. 4/94.

hames mitt ewro (€1,500). Il-multa ghandha tithallas fi zmien sena millum ratealment bl-ewwel pagament issir dovut fit-30 ta' Novembru, 2016.

Il-Qorti spjegat lill-hati Chris Brincat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu bejniethom l-ammont ta' €544.82c (u cioe' €272.41 kull wiehed) rapprezentanti spejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**